# IS-SWAR TA' BORMLA: IS-SWAR TA' SANTA MARGERITA

*Kitba Ta' John Vella*

L-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, ġiet Malta fl-1530, wara l-waqgħa ta' Rodi u t-tkeċċija tagħhom minn dik il-gżira. Huma kienu jobsru li issa kien imiss taqtiegħa oħra f'Malta. Għaldaqstant kienu ħasbu sabiex jiffortifikaw il-medda ta' art bis-subborg li kien jinsab barra l-Kastell tal- Baħar (Sant' Anġlu) u aktar tard il-belt li huma bnew fuq l-*Isola* li tawha l-isem ta' Ċitta' Senglea. Aktar ma għadda ż-żmien il-Kavallieri permezz ta' ħbieb li kellhom f'artijiet oħra saru jafu bil-pjan ta' l-Imperu Tork. Sas-6 ta' Mejju 1565 id-djar ta' Bormla, li kienu jinsabu qrib il-Posta ta' Aragona (li qabel kienet tinsab fejn illum jiġi eżatt faċċata tal-Maċina u kienet tifforma parti mis-swar li jagħlqu 'l-Birgu), u qrib



Bormla Mill-Ajru

il- Forti San Mikiel (L-Isla), twaqqgħu.
Kien propju t-Tnejn, 21 ta' Mejju 1565, meta t-Torok waqqfu l-kamp tagħhom fuq l-Għolja ta' Santa Margerita u armawħ bil-bnadar ta' kull qies u qagħdu jdoqqu bosta strumenti. Huma nstallaw ukoll 6 kanuni u bażilisk biex jisparaw fuq il-Birgu sewwa sew fuq din l-għolja prominenti fejn illum jinsab il-Monasteru ta' Santa Margerita. Sa dak inhar ta' l-Assedju Bormla kienet tgħodd mal-1200 ruħ, bi kważi 800 dar, fosthom djar tas-Sajf ta' nies prominenti ta' l-Ordni u tal-Knisja.
Waqt il-jiem ta' l-Assedju, il-Gran Mastru nduna bit-theddida li kienu joffru d-djar ta' Bormla li kien għad fadal taħt is-swar tal-Birgu. Għalhekk nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Ġunju 1565, b'ħeffa kbira ħarġu mill-Birgu xi wħud fuq iż-żwiemel, numru ta nies armati b'tip ta' pistola antika li kienet tinżamm mserrħa fuq sieq jew ganċ, u ma' l-elf raġel b'saħħithom armati bi bsaten tal-ħadid, bqaqen u għodda oħra biex komplew iġarrfu aktar mid-djar li kienu jinsabu qrib il-Posta ta' Aragona. B'hekk dik il- parti ta' Bormla li kienet tasal sal-foss li jifred lill-Birgu minn Bormla inbidlet f'medda art bla bini biex ma tkunx tista' taqdi lill-għadu kontra l-Ordni u l-Maltin li kienu sabu rifuġju fil-Birgu. Kien minn dak iż-żmien 'il quddiem li dan il-ftuħ beda jissejjaħ ix-Xagħra ta' Bormla. Waqt din il-biċċa xogħol, it-Torok, li kienu issa jinsabu miġbura fil-parti l-kbira tagħhom fuq l-Għolja l-oħra Bormliża ta' Kordin, indunaw x'kien qiegħed jiġri. Għalhekk f'leħħa ta' berqa niżlu b'rabja sabiex jissieltu man-nies ta' Bormla li kienu ħarġu mill-Birgu biex iġorru kull għamara w xogħol ta' l-injam 'l ġewwa s-swar. B'hekk it-Torok f'daqqa waħda imlew it-toroq li jagħtu lejn San Mikiel (L-Isla) u l-inħawi ta' *Santaren* (Santa Liena, Bormla). It-taqtiegħa b'kollox damet aktar minn sitt


**"TAL-GAZZETTI"**

*Fejn issib kull xorta ta'*
*toys, cards, magazines,*
*gazzetti etc.*

**66, St. Francis Street, Cospicua.**

WEFI IRONMONGERY
6 - 9 St. Theresa Street, Cospicua.
Tel : 828254
Dealer for Power Tools :
PEUGEOT
Rhino
RYOBI
✓ Key Cutting
✓ Plumbing & Electricity
✓ Expert Frame Maker

sieghat minhabba li l-Maltin u l-Kavallieri ddefendew ruħhom bi qlubija li ma bħala mid-djar u minn wara ħajt li rnexxilhom itellgħu fl-inħawi. Wara l-ewwel tlitt siegħat il-Bormliżi flimkien man-nies ta' l-Ordni reġgħu mlew il-kwies tagħhom tal-porvli u komplew it-taqbida. Dan il-fatt li żamm lit-Torok lura seta' maż-żmien jispira l-fatt li sur fl-inħawi ta' Santa Liena kien joffri difiża tajba sakemm in-nies taħrab u tkaxkar ħwejjigħa 'l ġewwa mis-swar.

Wara l-Assedju, l-Ordni ndunaw li s-swar li warajhom kien magħluq il-Birgu, u s-swar li fihom kien hemm il-Belt Senglea, li huma waqqfu fl-1535 u l-1556 rispettivament, kienu dgħajjfa f'każ ta' attakk minn għadu li jirbaħ u jitfa' l-kanuni tiegħu fuq l-Għoljiet ta' Bormla, l-aktar fuq dik ta' Santa Margerita. Għalhekk, f'Mejju ta' l-1635, l-inġinier militari tal-Vatikan, Pietro Paolo Floriani ntbagħat Malta sabiex iħażżeż u jipproponi pjanta ta' difiża għall-ibliet ta' l-Ordni li sa' dak inhar kienu l-Belt Vittoriosa (Birgu), il-Belt Invicta (Senglea) u l- La Valetta.

Għal La Valetta hu ppropona l-bini tas-Swar tal-Floriana li ħadu

ismu u fihom inbniet il-Floriana. Fil-każ tal-Birgu u l-Isla, hu ppropona li tkun fortifikata l-Għolja ta' Santa Margerita, waħda mill-ħames għoljiet ta' Bormla minħabba li kienet tiddomina d-daħla fejn kienu jinżammu l-galljuni ta' l-Ordni. It-telfa ta' din l-għolja lill-għadu kienet iġġib ħerba u telf kbir peress li l-ebda għajnuna ma kienet tkun tista' tingħata minn fuq il-baħar. Dawn il-fortifikazzjonijiet kellhom ukoll iservu għad-difiża ta' *La Bormola,* il-lokal barra l-Isla fejn kien hemm diġa mwaqqfa 'l fuq minn 800 dar. Imma l-Ordni ma kienetx sodisfatta bil-proposti ta' Floriani.



Il-Bieb ta' Santa Liena.

F'Novembru ta' l-1638 il-Kardinal Fra Vinċenzo Maculano da Firenzuola, inġinier militari ta' l-Ordni Dumnikan, ressaq pjanta li kienet aċċettata. Għalhekk nhar it-30 ta' Diċembru 1638 b'mod kbir u solenni saru purċissjoni u ċ-ċeremonji tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla fuq l-Għolja ta' Santa Margerita, Bormla. Is-Swar ta' Santa Margerita (magħrufa wkoll bħala is-Swar tal-Firenzuola) huma msawwra fuq pjanta nofs tond ta' bastjuni bil-għan li jagħlqu fihom lill-aktar parti nterna u mibnija ta' Bormla, imma fuq kollox biex iħarsu d-daħla magħrufa bħala Porto delle Galere.

Sa' l-1645 kienu tlestew biss tlitt bastjuni: tal-Firenzuola, ta' Santa Margerita u parti minn dak ta' Santa Liena. Minħabba li kien qiegħed jgħaddi ħafna żmien u l-flus ta' l-Ordni kienu qegħdin jixxuttaw, Firenzuola kien qiegħed jaħseb sabiex jagħlaq il-parti li kienet tlestiet u jibdilha f'fortizza magħluqa b'żewġ torrijiet fuq in-naħa ta' wara u bieb fin-nofs tal-kortina li kienet tgħaqqad lil dawn it-tnejn. Dan kellu jseħħ biss fil-każ li l-Ordni ssib ruħha bla flus minħabba li fl-istess żminijiet kienu qegħdin jintefqu bosta flejjes fuq is-swar tal-Floriana. Firenzuola kien baqa' xorta

waħda jisħaq dwar l-importanza ta' sistema ta' fortifikazzjoni fuq l-Għoljiet ta' Bormla. Għal dan il-għan il-proposta li tressqet kienet tgħid li s-swar ta' Bormla kellhom jibdew eżatt minn taħt is-swar tal-Birgu u jispiċċaw taħt dawk ta' l-Isla.

Firenzuola sab ħafna kritika u tfixkil ma' wiċċu minn periti oħrajn ta' żmienu, fosthom li s-swar ma' setgħux ikunu difiżi b'popolazzjoni daqshekk zgħira.

Il-Kaptan Domenico del Guazzo ppropona fortizza iċken fuq Santa Margerita u sur zgħir li jibda minn quddiem il-Knisja ta' Santa Tereża u jibqa' tiela' 'l fuq tul l-għolja. Bosta anzjani għadhom jafu t-taraġ li jibda' minn ħdejn Santa Tereża u jasal sa kantuniera ma' Triq San Ġorġ bħala s-Sur tal-Patrijiet (li sfortunatament il-parti ta' fuq ta' dawn it-turġien storiċi nqerdu bla skop waqt ix-xogħol fuq id-Dar ta' l-Anzjani). Dan is-sur baxx kellu jservi sabiex jipproteġi lill-Maltin, fil-każ li l-forti ta' Santa Margerita kienet tiġi megħluba, li jkunu qegħdin jaħarbu u jigru sabiex ifittxu jidħlu fil-Birgu waqt li l-għadu jkun qiegħed javvanza fit-toroq ta' Bormla. Dan is-sur baxx seta' wkoll ikun imminat bil-porvli f'każ li l-għadu jipprova jaqbżu jew juzaħ. Barra minn hekk ix-Xagħra ta' Bormla kellha sservi sabiex iġġib lill-għadu fil-beraħ u taħt it-tir tal-kanuni. Imma l-ħidma fuq is-Swar baqgħet għaddejja kif ried Firenzuola sakemm inqalgħet il-problema tal-flus li marru aktar fuq is-swar tal-Floriana. Dan ħalla s-swar ta' Santa Margerita fil-parti l-kbira tagħhom bħal trinka mħaffra fuq il-blat ta' Bormla, juru d-disinn kif kellhom isiru aktar tard. Sa dan iż-żmien fl-1670, il-Gran Mastru Aragoniż Nicolo Cotoner ressaq il-ħsieb li jtella' linja oħra ta' swar: is-swar tal-Cotoner. Hawn Firenzuola kien qiegħed jerġa' jaħsibha sabiex jibdel il-pjan tiegħu għal dak li kien ħaseb f'każ li l-flus ma' jservux. Imma fl-1714, l-inġinier De Tigne ta l-parir li s-swar ta' Santa Margerita kellhom jitkomplew kif kien oriġinarjament ippropona Firenzuola, li s-swar ta' Bormla kellhom jaslu sat-truf tal-foss li jifred iż-żewġt ibliet tal-Birgu u l-Isla minn Bormla.

Fl-1736, jiġifieri 98 sena wara li nbdew, is-swar ta' Santa Margerita kienu tlestew, għalkemm kien magħruf li ma kienux jifilħu għal attakk li jdum aktar minn ftit jiem. Il-karatteristika prinċipali ta' din il-linja ta' swar hi li huma ħitan ta' għoli wieħed li jitilgħu u jinżlu fuq l-għoljiet u fil-widien ta' Bormla.

Is-swar ta' Santa Margerita, huma msawra mis-swar tal-Firenzuola, ta' Santa Margerita, ta' Santa Liena, ta' l-Almoner, ta' San Franġisk



Il-Bieb ta' St. Clement

## TISLIMA LIL ĠUŻI Ż-ŻABBARI

Meta persuna qarib tagħna tħallina, b' daqshekk ma jfissirx li l-memorja tagħna tmut miegħu. Barra minn hekk jiġu jiem, meta din il-memorja tkun aktar ħajja. Nixtiequ għalhekk insellmu lil Joseph Bonnici li ħadem bil-qalb f' xogħol ta' manutenzjoni u tiżjin fil-knisja. Il-Mulej ġabru miegħu fid-29 ta' Marzu 1996 fil-għomor ta' 52 sena. Konna nammiraw fih il-ġenerożita u d-disponibilta' tiegħu.

Kien għalina ukoll raġel nisrani u eżemplari

Għalih nitolbu l-mistrieħ ta' dejjem, waqt li nagħtu l-faraġ lil martu u l-familja tiegħu.

de Paola u ta' San Rafel. Dawn l-aħħar tnejn ġew meqruda fi żmien l-Ingliżi fil bidu ta' dan is-seklu sabiex saru l-baċiri numri 4 u 5.

Il-ħruġ minn dawn is-swar kien isir minn bwejba ċkejkna li mix-Xagħra ta' Bormla (ħdejn il-Cafe' Riche) kienet tqabbdek mogħdija lejn il-bajja tal-Kalkara; bwejba oħra kienet dik li għadha tidher imbarrata minn Triq il-Ġublew tal-Fidda u li tiġi taħt il-Monasteru ta' S. Margerita, ir-*Rock Gate* fil-Kortina tal-Firenzuola, li kien maqtugħ fil-blat taħt is-sur fejn illum jingħaqdu Triq il-Cottonera u Triq il-Ġublew tal-Fidda, li kien iservi ta' triq lejn Ħaż-Żabbar; il-Bieb tal-Verdala fil-Kortina ta' S. Margerita u li jħares lejn iż-Żejtun; il-Bieb ta' S.Liena fil-Kortina li ġġib l-istess, u li hu wirt mill-isbaħ; il-bwejba fil-Kortina ta' l-Almoner li tinsab ftit metri ogħla mil-livell tat-triq li titla' lejn San Gwann t' Għuxa minn Triq Għajn Dwieli; u l-Bieb Bormla li kien jinsab fil kortina bejn is-sur ta' San Franġisk u s-sur ta' San Rafel, u li tneħħa minħabba l-bini tat-Tarzna.

Sfortunatament is-swar illum jinsabu mċarrta minn bosta postijiet bi skuża ta' l-iżvilupp u fortunatament qiegħed ukoll isir restawr ta' nħawi oħra ta' dawn is-swar, imma jkun ferm aħjar jekk nibżgħu għalihom u nipprovaw nirranġawhom għall-istat oriġinali tagħhom biex dan il-wirt waħdani ngawduh aħna, min iżurna u ta' warajna.

*Xi tagħrif hu meħud mill-ktotba 'The Great Siege of Malta 1565' ta' Francesco Balbi di Coreggio, li kien Malta waqt il-jiem ta' l-Assedju u kiteb djarju jum b'jum ta' kull ma ra b'għajnejh. Il- ktieb l-ieħor li fih tagħrif dwar l-iżvilupp tal-bini tas-swar hu 'The Knights' Fortifications' ta' S. C. Spiteri.*


Golden Harvest

CONFECTIONERY

**MARSASCALA**

(Next door to Bank of Valletta)

**Tel: 684068**